



Stampa u Informazzjoni

Approvazzjoni tal-proposta ta' riforma tal-arkitettura ġudizzjarja tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea

Il-President tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, Koen Lenaerts, il-President tal-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea, Marc Jaeger, u l-President tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku tal-Unjoni Ewropea, Sean Van Raepenbusch, jilqgħu l-approvazzjoni, mill-awtoritajiet leġiżlattivi tal-Unjoni Ewropea, tal-proposta ta' riforma tal-arkitettura ġudizzjarja tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, li tipprevedi żieda fin-numru ta' Mħallfin fil-Qorti Ġenerali u evoluzzjoni tal-istruttura tal-istituzzjoni bl-integrazzjoni tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku mal-Qorti Ġenerali.

L-approvazzjoni ta' din ir-riforma hija r-riżultat aħħari ta' proċess leġiżlattiv twil u ser tippermetti lill-istituzzjoni, permezz tat-tisħiħ tal-Qorti Ġenerali, tkompli t-twettiq tal-missjoni ta' servizz liċ-ċittadini Ewropej b'osservanza tal-għanijiet ta' kwalità u ta' effikaċja tal-ġustizzja.

Dokument mhux uffiċjali għall-użu tal-mezzi tal-komunikazzjoni li ma jorbotx lill-Qorti tal-Ġustizzja.

Kuntatt għall-istampa: Christopher Fretwell ☎ (+352) 4303 3355